MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-24 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 526/2012

**Helen Vella (ID 405745M)**

**Antoinette Debono (ID 1021246M)**

**It-Tabib Gunther Abela (ID 312971M)**

**It-Tabib Jurgen Abela (ID 320574M)**

**vs**

**Mario Vella (ID 716454M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat il-25 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi l-mejta Maria Concetta, maghrufa bhala Connie Vella, kienet proprjetarja ta' nofs, (1/2) indiviz tal-fond numru 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara;

1.2. Illi n-nofs, (1/2), indiviz rimanenti tal-istess fond indikat fil-paragrafu precedenti kien u ghadu proprjeta` tar-rikorrenti Antoinette Debono;

1.3. Illi l-imsemmija Connie Vella mietet fil-5 t'April, 2010, (ara certifikat tal-mewt a fol 7);

1.4. Illi s-successjoni tal-istess Connie Vella hi regolata b'testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice datat is-17 ta' Marzu, 2010, (ara ricerki a fol 8 sa 10);

1.5. Illi kif ordnat fis-sentenza ta' din il-qorti datata s-6 t'Ottubru, 2011, (ara fol 12 *et sequitur*), ir-rikorrenti Helen Vella, Gunther Abela u Jurgen Abela gew imessi fil-pussess tal-legati lilhom imhollija fit-testment tal-imsemmija Connie Vella indikat fil-paragrafu precedenti, u dan, permezz ta' kuntratt datat il-15 ta' Novembru, 2011, in atti tan-Nutar Dottor Timothy Ellis, (ara fol 18 *et sequitur*);

1.6. Illi l-legati indikati fil-paragrafu precedenti jikkonsistu f'porzjon ta' wiehed minn tnax, (1/12), indiviz tal-istess fond indikat aktar qabel, (ara paragrafu wiehed punt wiehed, (1.1)), u dan, lil-kull wiehed minnhom senjatament lil Helen Vella, Gunther Abela u Jurgen Abela;

1.7. Illi bl-istess testment taghha fuq indikat, (ara paragrafu wiehed punt erbgha, (1.4.), aktar qabel), l-istess Connie Vella halliet sest, (1/6) indiviz tal-istess imsemmi fond (ara paragrafu wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), lill-intimat Mario Vella;

1.8. Illi permezz tal-artiklu 2 tal-istess testament fuq indikat l-imsemmija Connie Vella halliet *legato di cosa altrui* lill-istess intimat Mario Vella konsistenti fl-uzu u l-uzufrutt tal-fond *de quo* fl-interezza tieghu, u dan, wara li ddikjarat li l-istess fond *de quo* ma jappartjenix kollu lilha (ara fol 21);

1.9. Illi *ai termini* tal-artiklu 8 tal-fuq imsemmi testament, (ara fol 24), ir-rikorrenti Mario Vella gie istitwit l-uniku eredi tat-testatrici Connie Vella fuq gia` riferita;

1.10. Illi *stante* li r-rikorrenti Mario Vella hu l-eredi wahdieni tat-testatrici Connie Vella fuq gia` riferita, il-*legato di cosa altrui* fuq riferit, (ara paragrafu wiehed punt tmienja, (1.8.)), aktar qabel, ma jorbotx lill-komproprjetarji tan-nofs, (1/2) indiviz l-iehor ta' l-istess fond li mhux eredi universali tat-testatrici;

1.11. Illi *ai termini* tal-artiklu 696 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

> " … il-werriet jista' jaghzel jew li jakkwista l-haga mhollija b'legat sabiex jghaddiha lil-legatarju, jew li jhallas lil-legatarju l-valur gust taghha";

1.12. Illi l-intimat Mario Vella ma pprokura ebda dritt ta' uzu u uzufrutt ghar-rigward tan-nofs indiviz l-iehor tal-fond in dizamina fuq riferit u ghalhekk m'ghandux dritt ta' uzu u uzufrutt fuq l-intier tal-istess fond, ta' liema fond ir-rikorrenti huma komproprjetarji;

1.13. Illi l-intimat jippretendi li bis-sahha tal-*legato di cosa altrui* ghandu dritt ta' uzu u uzufrutt fuq l-intier tal-fond in dizamina minnu okkupat;

1.14. Illi ghalhekk ir-rikorrenti hassew li kellhom jintavolaw din il-kawza u allura aderew din il-Qorti biex l-intimat jinghata l-opportunita` jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1.14.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat m'ghandux dritt ta' uzu u uzufrutt fuq l-intier tal-fond numru 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara;

1.14.2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat m'ghandux titolu validu fil-ligi biex jokkupa l-istess fond fuq indikat;

1.14.3. B'rizerva ta' kull azzjoni ohra lilhom spetanti;

1.14.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat datata l-11 ta' Lulju, 2012, li permezz taghha irrisponda sintetikament bil-mod segwenti;

2.1. Illi preliminarjament l-azzjoni tar-rikorrenti hi nulla stante li dawn m'ghandhomx dritt jitolbu lil din il-qorti tiddikjara li l-intimat m'ghandux dritt biex jokkupa l-fond in dizamina permezz tal-azzjoni odjerna ghaliex bhala eredi universali wiret kull dritt li kellha martu fuq l-istess fond u ghalhekk l-azzjoni *de quo* hi insostenibbli;

2.2. Illi preliminarjament u bla pregudizzju ghall-ewwel twegiba, it-talbiet tar-rikorrenti ma jwasslux ghal gudizzju integru u dan, minhabba nuqqas ta' kjarezza, inkorrettezza u inkompletezza tat-talbiet;

2.3. Illi ghalhekk l-azzjoni tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

2.4. Illi *di piu`*, l-azzjoni tar-rikorrenti hi intempestiva u hi biss frott ta' pika;

2.5. Illi l-intenzjoni tar-rikorrenti hi biss li permezz tal-azzjoni odjerna huma jaghmlu l-hajja tal-intimat difficli wara l-mewt ta' martu li tigi oht uhud mir-rikorrenti u z-zija tal-ohrajn;

2.6. Illi ghar-raguni kif esposta fil-paragrafu precedenti, l-azzjoni tar-rikorrenti ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez;

2.7. Illi l-intimat ghandu titolu validu biex jokkupa l-fond *de quo*, liema fond kien ir-residenza matrimonjali tieghu flimkien ma martu;

2.8. Illi l-intimat hu komproprjetarju tal-fond *de quo* flimkien mar-rikorrenti oltre l-fatt li hu wkoll munit b'*legato di cosa altrui* validu fil-ligi ghall-uzu u uzufrutt fuq l-istess fond;

2.9. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-intimat wiret id-drittijiet fuq elenkati *ai termini* ta' testament datat is-17 ta' Marzu, 2010, *in atti* tan-Nutar Dottor Marthese Felice;

2.10. Illi l-imsemmi testment mhux biss ma giex ikkontestat, talli gie accettat minn tlieta (3) mir-rikorrenti li

addirittura wkoll ipprezentaw kawza ghall-immissjoni fil-pussess, gia` deciza u segwita b'kuntratt pubbliku;

2.11. Illi r-rikorrenti Antoinette Debono intavolat procedura fl-ismijiet Antoinette Debono vs Mario Vella, rikors numru 780/2011 li ghadha pendent;

2.12. Illi in vista tal-azzjonijiet riferiti fiz-zewg (2) paragrafi ta' qabel, ir-rikorrenti kollha gia` irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu li t-testment *de quo* jigi ddikjarat null;

2.13. Illi l-intimat ghandu dritt biex jokkupa l-fond *de quo* stante li t-testatrici martu kienet sid ta' parti mill-fond *de quo*;

2.14. Illi ghalhekk, l-azzjoni tar-rikorrenti hi infondata;

2.15. B'rizerva ta' eccezzjonijiet ohra;

2.16. Illi ghaldaqstant din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez;

3. Rat id-digriet taghha datat it-2 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu, wara qbil bejn l-abbli rapprezentanti tal-kontendenti, awtorizzat lill-istess jitrattaw il-kawza bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 119);

4. Ezaminat ix-xhieda kollha esebita u mismugha;

5. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-27 t'Awissu, 2013, (ara fol 124);

7. Rat in-nota risponsiva tal-intimat datata t-28 t'Ottubru, 2013, (ara fol 132);

8. Rat it-talba tal-abbli rapprezentant legali tal-intimat datata l-14 ta' Novembru, 2013, li permezz taghha talab li jkun awtorizzat jipprezenta kopja ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, bil-kontroparti jkollu iz-zmien hemm indikat biex jirribatti;

9. Rat in-nota tal-intimat datata l-14 ta' Novembru 2013, li permezz taghha ipprezenta l-kopja tas-sentenza riferita fil-paragrafu precedent;

10. Rat in-nota responsiva tar-rikorrenti ghall-istess datata l-4 ta' Dicembru, 2013, (ara fol 171);

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi wara perjodu ta' madwar sena u nofs jiffrekwentaw regolarment lill-xulxin l-intimat Mario Vella u l-mejta Connie Vella izzewgu regolarment;

11.2. Illi dan iz-zwieg sehh wara li l-istess protagonist ikkjarifika xi kwistjonijiet li setghu jezistu minhabba d-diversita` fl-eta` taghhom specjalment peress li l-istess Connie kienet akbar u setgha jkun hemm il-possibilita` li ma jkunx hemm tfal fiz-zwieg, (ara fol 96 paragrafu numru erbgha (4));

11.3. Illi fuq suggeriment tal-istess Connie Vella u wara li l-intimat accerta ruhu li ma kienx hemm oggezzjonijiet minn hut l-istess Connie, specjalment minn ohtha Antoinette, iddecidew li jmorru jabitaw fl-istess dar li fiha kienet tghix l-istess Connie flimkien ma ohtha Antoinette, (ara fol 97 paragrafu numru tmienja (8));

11.4. Illi konsegwenza tal-istess decizjoni partikolari riferita fil-paragrafu precedenti l-konjugi Vella li issa bdew jabitaw fil-fond meritu ta' din il-procedura fuq gia` riferit, bdew jeffettwaw diversi xoghlijiet fl-istess fond biex jirrenduh ahjar u aktar vijabbli ghall-abitazzjoni;

11.5. Illi dawn ix-xogholijiet strutturali l-istess konjugi Vella ghamluhom minn jeddhom u hallsu huma ghall-ispejjez kollha involuti, (ara fol 97 paragrafu numru disgha, (9));

11.6. Illi tul iz-zwieg tal-intimat u martu Connie jirrizulta li kien hemm relazzjoni tajba mal-kontendenti odjerni;

11.7. Illi meta oht Connie, Antoinette, kien ikollha bzonn xi haga ghad-dar fejn kienu lkoll jabitaw flimkien, dan kienu jaghmlu tajjeb ghalih l-istess konjugi Mario u Connie Vella, (ara fol 97 paragrafu numru tnax, (12)), u dan, apparti li ghamlu tajjeb ghall-affarijiet ohra a favur tal-istess Antoinette, (ara fol 98 paragrafu numru tlettax, (13));

11.8. Illi mill-paga percepita fiz-zwieg mill-istess intimat, martu Connie kienet tamministra, l-ispejjez u l-bzonnijiet kollha tal-istess dar, inkluza dawk koncernanti lill-ohtha Antoinette, (ara fol 99 paragrafu numru tmintax, (18));

11.9. Illi l-problemi zviluppaw bil-mewt tal-imsemmija Connie fil-5 t'April, 2010, (ara fol 99), u s-sitwazzjoni malajr ipprecipitat u wasslet sal-punt odjern fejn jirrizulta li hemm diversi kawzi bejn il-kontendenti;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi skond it-testment *unica charta* tal-imsemmija Connie Vella flimkien mal-intimat Mario Vella in atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice datat is-17 ta' Marzu, 2010, jirrizulta s-segwenti:

12.1. Illi l-intimat Mario Vella inghata bhala prelegat l-uzu u l-uzufrutt tar-residenza intiera taghha (Connie), numru 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara, bl-ghamara u bl-attrezzatturi, sakemm jibqa' armel;

12.2. Illi l-istess testatrici Connie Vella iddikjarat ukoll li hi kienet taf li l-fond *de quo*, l-ghamara u l-attrezzaturi indikati ma kienux jappartjenu kollha lilha, pero` iddikjarat:

"… illi dan il-prelegat ikollu l-pjen effett tieghu";

Ikkunsidrat:

13. Illi ghandu jinghad, anke minhabba l-proceduri fuq riferiti rigwardanti l-immissjoni fil-pussess, (ara l-azzjonijiet riferiti mill-istess intimat a fol 38 u fol 139), li kien hemm diversi proceduri naxxenti mir-realta` hawn riskontrata;

14. Illi ghalhekk ir-rikorrenti jinstabu fil-posizzjoni ambigwa li f'din il-procedura qed jattakkaw il-validita` tat-testment *unica charta* fuq riferit, mentri f'kawzi ohra minnhom intavolati jsostnu l-integrita` tal-istess;

Ikkunsidrat:

15. Illi t-testment tas-17 ta' Marzu, 2010, ma jirrizultax li gie b'xi mod attakkat mir-rikorrenti u ghalhekk il-validita` tieghu bl-ebda mod ma giet attakkata;

16. Illi ghalhekk ma jirrizultax li l-intimat m'ghandux titolu validu fil-ligi biex jokkupa il-fond meritu ta' din il-vertenza, *molto piu`* meta jirrizulta li z-zwieg bejn l-imsemmija Mario u Connie Vella ma kienx wiehed ta' konvenjenza, izda kollox juri li kien zvilupp naturali u serju ta' zewg persuni maturi fl-eta` u konsegwentement ibbazat fuq konsiderazzjonijiet maturi;

17. Illi fir-redazzjoni tat-testment *unica charta* ma jirrizulta xejn losk u subdolu li jimmerita x-xoljiment awspikat mir-rikorrenti;

18. Ilil r-relazzjoni *de quo* kienet wahda trasparenti li kellha wkoll il-barka tal-istess familjari li llum qed jaraw is-sitwazzjoni b'mod differenti;

19. Illi kien biss ghal mewt pjuttost prematura ta' mart l-intimat u ghall-eta` relattivament izghar tal-istess intimat li holqu is-sitwazzjoni pjuttost anomala li llum qed jiffaccaw ir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

20. Illi in vista tal-premess, din il-qorti ma tara li ghandha xejn x'ticcensura fl-operat tal-intimat;

**DECIDE:**

21.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti taqta' u tiddeciedi billi:

21.1. Takkolji r-risposti kollha tal-intimat Mario Vella;

21.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

21.3. Bl-ispejjez kif dedotti fir-risposta tal-intimat kontra r-rikorrenti fuq riferiti;

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------